**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

# GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 31 ta' Mejju, 2002

**Numru 33**

**Avviz. numru 667/02JR**

**Middle Sea Insurance plc**

**vs**

**Marthese Mallia**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz ipprezentat mis-socjeta` attrici fil-21 ta' Marzu, 2002 fejn intalab il-hlas ta' mija u erbgha u erbghin lira Maltija u sitta u tletin centezmu (Lm144.36), u fejn intqal:**

**Illi l-konvenuta hija debitrici tas-socjeta` attrici fis-somma ta' mija u erbgha u erbghin lira Maltija u sitta u tletin centezmu (Lm144.36), liema somma s-socjeta` attrici Middle Sea Insurance plc kienet obbligat li thallas lil Fogg**

**Insurance Agencies Limited a tenur tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta in segwitu ta' sentenza moghtija fit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fis-7 ta' Settembru, 2000, fl-ismijiet Fogg Insurance Agencies Limited et vs Marthese Mallia (Avv.906/00PS) liema sentenza tirrigwarda incident tat-traffiku li fih kienet involuta l-konvenuta, liema incident gara fit-23 ta' Novembru, 1998, gewwa Hal Qormi waqt li hija kienet qed issuq il-vettura numru HAP-998 (liema vettura kienet dak iz-zmien ta' l-incident assikurata mas-socjeta` attrici Middle Sea Insurance plc) u ghal liema incident l-istess Marthese Mallia instabet unikament responsabbli, u dana kollu kif sejjer jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;**

**Ghal kull bon fini jigi rilevat illi Marthese Mallia qatt ma rrapportat l-incident jew ghamlet claim mas-socjeta` attrici assikuratrici taghha ghar-rigward l-incident tat-traffiku in kwistjoni u dana kollu kif sejjer jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;**

**Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra bonarja datata 18 ta' Jannar, 2002, u tal-parir (Lm15.00) kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni, u bl-imghaxijiet.**

**Ra li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma dehret.**

**Semgha x-xhieda ta' Anthony Farrugia ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u erbgha u erbghin lira Maltija u sitta u tletin centezmu (Lm144.36) bl-imghaxijiet legali mill-10 t'April, 2002.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja datata 18 ta' Jannar, 2002, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuta skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**Gudikatur**